

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Andrei Emilian Boncea, Filofteia Catrinel Boncea, Adriana Boboc Cornelia Mihăilescu.

Konvenut: Statul român — Ministerul Finançelor Publice.

Domandi preliminari

- (1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Liġi 221/2009, kif emendati bid-deċiżjoni tal-Curtea Konstituitională Nru 1358 tal-21 ta' Ottubru 2010, jiksu l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Artikolu 8 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem?
- (2) L-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Artikolu 8 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem jipp-rekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li jiġi limitat id-dritt ta' persuna li tkun għet-għad-kunġi issuġġettata għal kundanna politika permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja li tmur kontra d-dispożizzjonijiet legali għall-kisba ta' kumpens materjali għad-danni morali subiti?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul Argeş (ir-Rumanija) fl-20 ta' Settembru 2011 — Mariana Budan vs Statul român — Ministerul Finançelor Publice — Direċċia Generală a Finançelor Publice Argeş

(Kawża C-484/11)

(2011/C 347/22)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Tribunalul Argeş.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Mariana Budan.

Konvenuti: Statul român — Ministerul Finançelor Publice — Direċċia Generală a Finançelor Publice Argeş.

Intervenjenti: Iulian-Nicolae Cujbescu.

Domanda preliminari

Permezz tal-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tagħti lill-prinċipji fundamentali stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u skont it-Trattati tal-Unjoni Ewropea, f'sitwazzjoni ta' lacuna regolatorja fid-dritt intern (bħala konsegwenza tad-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kostituzzjonalità tal-Artikolu 5 tal-Liġi 221/20(09)), ir-rikorrenti, Mariana Budan, (...) u l-intervenjenti, Iulian-Nicolae Cujbescu, (...), bħala vittmi tar-reġim Komunista u attwalment ċittadini tal-Unjoni Ewropea, għandhom id-dritt għal kumpens għad-danni morali?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administratīvā rajona tiesa (Ir-Repubblika tal-Latvja) fit-22 ta' Settembru 2011 — Laimonis Treimanis vs Valsts ieñemmu dienests

(Kawża C-487/11)

(2011/C 347/23)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

Qorti tar-rinviju

Administratīvā rajona tiesa

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Laimonis Treimanis

Konvenut: Valsts ieñemmu dienests

Domanda preliminari

L-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 918/83 (¹) jipprobixxi lill-proprietarju ta' vettura personali importata minn Stat terz fit-territorju tal-Unjoni Ewropea li jagħti l-imsemmija vettura, għall-finijiet tal-użu tagħha bla' ħlas, lil membru tal-familja tiegħu li jkun effettivament ittrasferixxa r-residenza tiegħu minn Stat terz lejn l-Unjoni Ewropea u li kien jgħix mal-proprietarju tal-vettura fl-istess dar fl-Istat terz qabel l-importazzjoni tal-vettura fl-Unjoni Ewropea, meta l-proprietarju tal-vettura jirrisjedi prinċi-palment f'dan l-Istat terz wara l-importazzjoni tal-imsemmija vettura fl-Unjoni Ewropea?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 2, Vol. 1, p. 419.

Appell ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2011 minn Mitsubishi Electric Corp. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fit-12 ta' Luju 2011 fil-Kawża T-133/07, Mitsubishi Electric Corp. vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-489/11 P)

(2011/C 347/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Mitsubishi Electric Corp. (rappreżentant: R. Denton, Solicitor, J. J Vyavaharkar, Solicitor, K. Haegeman, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea